**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' April, 2025**

Rikors Numru: 518/2024 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 348/1983)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

III I-kontendenti partijiet zzewgu nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elf disgħa mija tlieta u tmenin (1983) fil-Knisja Parrokkjali ta' San Giljan [Vide **Dok. A];**

Illi minn dana z-zwieg twieldu tlett (3) itfal, u cioè D, E u F, li llum-il gurnata **huma kollha maggorenni,**

Illi l-istess partijiet huma legalment separati permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Personali ppublikat fl-Atti tan-Nutar Dr. Richard Vella Laurenti nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta’ Ottubru tas-sena elf disgħa mija disgħa u disgħin (1999) [Vide **Dok. B]:**

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment:

Illi ma' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, *stante* li minbarra li ilhom mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-esponenti qiegħed jipprezenta kopja tal-Affidavit tiegħu li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. SF01:**

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa ghall-ksib tad-Divorzju skont l-Artikolu Sitta u Sittin Ittra Kapitali B (66B) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi l-esponenti jaf b'dawna l-fatti personalment,

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :-

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet :

ILLI l-esponenti topponi ghad-divorzju stante li l-intimat huwa moruz fil-pagament tal-manteniment li kien obbligat li ihallas lil uliedu skond l-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat u li qatt ma hallas biex l-esponenti rabbiet lit-tlett titfal wahedha;

ILLI jirrizulta li l-intimat kien diga intavola d-divorzju quddiem l-istess Qorti u liema talba, il-Qorti cahdet stante irrizulta li minkejja li l-intimat kien jahdem huwa naqas li imantni lil uliedu tul s-snin;

ILLI kif jirrizulta mill-inkartament hawn anness u immarkat **Dok RF1,** l-intimat ammetta li kien jahdem kif jirrizulta mix-xhieda tieghu bil-gurament quddiem il-Qorti u ammetta wkoll li qatt ma hallas ghal manteniment ta' tlett ulied; l-unici pagamenti li ghamel kienu f'dawn l-ahhar xhur fejn ghadda hamsin ewro fix-xahar u zewgt pagamenti ta' Eur 250 kull wahda b'total ta' sitt ewro lil esponenti; dan jikkonferma kemm l-intimat qatt ma hallas xejn qabel u li huwa moruz ghal snin twal;

ILLI finalment sal-gighma l-ohra, l-intimat saqsa lil esponenti sabiex tiffirmalu ghal istess divorzju ghax fil-veC konxju, li legalment invista li huwa moruz fil-pagament ma ghandhux dritt ghal istess divorzju.

Ghaldaqstant l-esponenti in vista tal-premess topponi ghal istess talbiet, bl-ispejjez kontra r-rikorrent u b'riserva li itella xhieda in sostenn ta' dak minnha sottomess.

**Bl-ispejjez.**

Rat id-dokumenti li ġew esebiti
Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:
Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Awwissu 2024;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat il-verbal tallum illi permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw illi l-pendenzi kollha fir-rigward tal-manteniment issa gew imhallsa.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Ottubru 1999;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.